MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 729/2003

**Pierre Tanti, ezercitanti l-kummerc taht l-isem Ambassador Service Station & Tyre Services**

**Vs**

**Capierre Contractors Limited**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm767.94c (seba' mija u sebgha u sittin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu) rappresentanti prezz ta' fuel moghti lilha mill-attur fil-perjodu ta' bejn Marzu u Mejju 2001, fuq inkarigu taghha stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji datati 8 ta' Mejju 2002, u 23 ta' Marzu 2002, u l-ittra ufficjali datata 21 ta' Novembru 2002, u bl-imghaxijiet legali kollha sad-data tal-

effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------